

OFM-LINK

OFM-LINK

ORDNI TAL-PATRIJIET MINURI - MALTA
PROVINĊJA FRANĠISKANA TA' SAN PAWL APPOSTLU
http://www.ofm.org.mt

NRU. 180 LUL / AW 12

## Fit-12 t'Awwissu tiġi fit-tmiemha s-Sena Klarjana



S. Klara u ġrajjiet ħajjietha - ikona maħduma mill-*Maestro di S. Chiara* 1283, li tinsab fil-Bażilika ta' S. Klara f' Assisi

## Missjunarju ġdid fil-missjoni tal-Libja



P. Marcello Ghirlando offra li imur jagħti servizz fil-fraternita ta' Tripli, wara talba li ġiet inwasssalha lilu mill-Isqof ta' Tripli. Se jsiru arranġamenti biex ikompli jgħallem fl-Universita ta' Malta u jagħti servizz ukoll lill-Vigarjat ta' Benghasi. Il-Provinċjal kien bgħat ittra lill-aħwa kollha b' talba li għamlulu n-Nunzju Appostoliku u ż-żewġ Vigarjati Apostoliċi tal-Libja.

**Aħna lkoll nawguralu u nwegħduh it-talb tagħna.**

P. Walter Vassallo ġie ordnat presbiteru MULTOS ANNOS ara p. 10

# Is-sinjali simboliċi ta' S. Klara

Il-Katekizmu tal-Knisja Kattolika jgħidilna li x-xbihat tal-qaddisin ifissru 'l Kristu li ġie gglorifikat fihom. Huma juru 's-sħaba kbira ta' xhieda' (Lh 12,1) li jkomplu jissieħbu fis-salvazzjoni tad-dinja u li magħhom aħna marbutin. Permezz tal-ikoni (xbihat) tagħhom, dak li tara l-fidi tagħna huwa l-bniedem 'xbieha t' Alla' trasfigurat fis-'sura tax-xbieha' (ara Rum 8,29) ta' l-Iben t'Alla (ara n. 1161). Ikompli jgħidilna li 'il-ġmiel u l-ilwien tax-xbihat iħajru għat-talb' (n.1162). Għalhekk tul is-sekli l-Knisja dejjem ħajret lil bniedem, biex bit-talent artistiku li Alla tah, ikun jista' jnaqqax xbihat tal-qaddisin kemm bħala pittura, statwi eċċ. Dawn l-artisti ma kienux biss kuntenti li juruna x-xbiha biss tal-qaddis/a, imma ġeneralment ma' kull xbiha ta' xi qaddis ipoġġu xi simbolu li kellu relazzjoni ma' ħajtu/ ħajjietha.

Fil-każ ta' S. Klara t' Assisi, jekk wieħed jifli sew x-xbihat tagħha li saru mal-medda taż-żmien, insibu li ħdejha naraw bosta simboli. F' dan l-artiklu se naraw xi wħud minhom:

1. **Klara f' riġlejn Ġesu Msallab jew tas-siġra franġiskana**
Fil-Bażilika ta' S. Klara ġewwa Assisi, fuq l-altar maġġur, insibu Kurċifiss kbir li fih, f' riġlejn Ġesu hemm Klara għarkupptejha fuq naħa u Franġisku jbus saqajn Ġesu. In-naħa l-oħra tidher l-abbadessa Benedetta, is-suċċessura ta' Klara, li kienet ikkumissjonat dan is-salib qabel l-1260. Il-pittur kien il-*Maestro di S. Chiara*. Rigward il-kontemplazzjoni li Klara kienet tagħmel quddiem ix-xbieha tal-Kurċifiss ara l-ħarġa t' April 2012 p.2-3. F' Kurċifiss ieħor, li sar fl-istess żmien, din id-darba insibu l-figura ta' Klara tibki fuq in-naħa tal-id ta' Ġesu, filwaqt li Franġisku jinsab in-naħa l-oħra.
Hemm xogħolijiet artistiċi oħra li juru l-arblu tar-razza tal-qaddisin franġiskani, li fihom ġeneralment Klara, flimkien ma' xi Klarissi qaddisin, qegħda fuq xi naħa ta' dan l-arblu bħala l-ewwel dixxipla ta' Franġisku. Eżempju ta' dan għandna l-arazz fiamming (1479) li jinsab fil-mużew tal-Bażilika ta' S. Franġisk ġewwa Assisi



2. **Klara jżomm f'idejha salib**
Fl-ikona li tidher fil-faċċata ta' din il-ħarġa nsibu lil Klara qegħda jżomm salib waħdu mingħajr korp. F' pitturi oħra mbgħad naraw lil Klara qegħda jżomm salib u fuqu hemm Ġesu msallab. Eżempju ta' dan għandna din il-pittura (*tempra e oro su tavola*) ta' Vittore Crivelli (1440-1502), li tinsab f' kollezzjoni privata. Dan l-aħħar saru wkoll pitturi li juru lil Klara jżomm f' idejha kopja tal-kurċifiss ta' S. Damjan, li min jaf kemm Klara talbet quddiemu u l-Klarissi, meta ħadu f' idejhom il-monasteru ġewwa l-ħitan t' Assisi, ħaduh magħhom.



3. **Klara jżomm f' idejha l-ktieb tal-Vanġelu jew tar-Regola**
Xi kultant ma tistax tinduna għal liema ktieb, l-artist kellu fl-immaġinazzjoni tiegħu (Eżempju: dan l-affresk ta' P. A. Mesastris (1471) li jinsab fil-monasteru tal-Klarissi ġewwa Foligno). Hu x'inhu, lkoll nafu li għal Klara, bħal Franġisku, li tħares il-vanġelu kien is-sies ta' ħajjietha. Minn naħa l-oħra l-isem ta' Klara baqa' mniżżel fl-istorja, bħala l-ewwel mara li kitbet regola għal ħutha s-sorijiet. Hemm pitturi oħra li jġibuha f' xi parċmina f' idejha u fuqha jkun hemm miktub xi frażi li nsibu fil-kitbiet tagħha.

4. **Klara jżomm f' idejha palma**



Ġeneralment il-palma, fl-arti, tidher f'idejn xi qaddis/a, li ta ħajtu għal Kristu permezz tar-martirju. Imma barra milli Klara għamlet 28 sena marida gravi, hija kellha xewqa kbira, bħal Franġisku, li tmur ixxandar lil Kristu qalb is-Saraċini (ara ProcCan 7,2 {FSK 414}). Infakkru ukoll li l-isqof Guido kien taha l-palma nhar il-Ħadd il-Palm (1211), bħala sinjal ta' approvazzjoni ta' dak li kienet se tagħmel - ħarba mid-dar biex tibda ħajja ġdida. Eżempju: din il-pittura li tinsab fil-Bażilika ta' S. Franġisk f' Assisi.



5. **Klara jżomm f' idejha ġilju**

|ġur li wieħed mill-oġġetti l-aktar li jidher mal-figura ta' Klara huwa l-ġilju. Ħafna drabi hija tidher qed iżommu f' idejha. Il-ġilju huwa simbolu tas-safa u Klara 'hija mogħnija b' titli kotrana ta' safa' (Bulla ta' Kan 2 {FSK 572}.
Dan l-affresk ta' Tiberio d'Assisi, li sar fl-1506, jinsab fil-*cappella delle rose* fil -kumpless tal-bini tas-santwarju tal-Porziuncola.



6. **Klara jżomm f' idejha l-ostensorju b' Ġesu Ewkaristija**

Din ix-xena hija l-aktar popolari fix-xbihat li nsibu ta' S. Klara. Barra mil-fatt li Klara kellha devozzjoni speċjali lejn Ġesu' Ewkaristija, l-ewwelnin biografi jagħtuna r-rakkonti popolari meta hija ħelset lill-monasteru tagħha quddiem il-qilla tal-għadu permezz tal-Ewkaristija. Proprjament fi żmienha kien għadu ma jeżistix l-ostensorju, imma l-artisti ħasbu biex jpoġġuh f' idejha, l-aktar biex jagħtu l-idea aktar ċara tas-sagrament tal-imħabba divina. Xi kutant tidher ukoll imdawwrha bis-sorijiet tagħha u s-Saraċini.



7. **Klara jżomm il-baklu tal-badessa**

Ġeneralment il-baklu, fl-arti, nsibuh aktar marbut ma' xi qaddis li kien isqof. Imma fit-tradizzjoni nisranija daħal ukoll meta jiġi rafigurat jew xi Abbati jew xi Badessa, minħabba l-fatt li dawn ħafna drabi kellhom gurisdizzjoni mhux mhux fil-monasterju proprju, imma wkoll fuq xi territorju. Wara l-Konċilju Lateran IV, Klara kellha taċċetta t-titlu ta' badessa imma hija jżied ukoll il-kelma 'omm' (ara RegCl 4 {FSK 87}). (Fir-ritratt jidher kwadru ta' Antonio Vivarini (1418-1476/84), maħdum fl-1451,li jinsab fil-*Kunsthistorishes Museum,* Vienna, l-Awstrija).

Fl-arti nsibu bosta oġġetti oħra li jitpoġġew ħdejn ix-xbiha ta' Klara ( l-*aerials* tat-T.V., il-qattus, il vażett biż-żejt, musbieħ mixgħul, jġorr f' idejha lil Ġesu Bambin, eċċ.). Jalla dawn l-opri tal-arti jgħenuna biex aktar nidħlu fil-fond tal-ispiritwalita ta' S. Klara u fuq kollox nagħmlu ħilitna biex nimitaw dak li ppruvajt tagħmel hi - l-imitazzjoni ta' Kristu s-Salvatur tagħna. Fit-tieni ittra lil S. Agnese ta' Praga qaltilha: "Iffissa ħarstek fuqu, aħseb fuqu, u ikkomtemplah, u xtieq b' ħerqa li ssir tixbħu' (20 {FSK 23}).

************************

# Il-familja ta’ S. Klara

Meta wieħed jagħmel studju fuq xi persuna partikulari, ħafna drabi jipprova jistudja wkoll l-ambjent li fih ikun trabba. Ma’ dan inriedu nżiedu wkoll l-importanza tal-influss li setgħu ħallew il-ġenituri ta’ dik il-persuna konċernata, kif ukoll jekk kien hemm xi aħwa.

Fil-każ ta’ Klara, it-tagħrif li wasal għandna f’ dan ir-rigward huwa ftit.

**Il-missier** Żgur li missierha Favarone di Offreduccio, iben Offreduccio, kien kavallier, kif ukoll ‘nobbli kbir u setgħani fil-belt t’Assisi’ (ProcCan 19,1 {FSK 510}). Imma fuqu ftit li xejn nafu, qiesu hemm xi misteru. Skont xi storiċi, wisq probabbli, li miet anke meta Klara kienet għadha żagħżugħa. Minn dak li nafu fuqu, nieħdu l-idea li kien raġel ta’ ras iebsa u li meta kien jieħu deċiżjoni jibqa’ mwaħħal magħha. Klara wirtet din il-partikolarita ta’ misserha, għaliex kieku ma kientx mara ta’ karattru sod, kieku ma kientx se tagħmel għal Alla dak li għamlet.



Xena mil-film *Brother Sun Sister Moon*, li fiha Klara (Judi Bowker) tidher titlob flimkien mal-ġenituri tagħha ġewwa l-kattidral t’ Assisi.

**L-omm** Għal kuntrarju fuq ommha, Ortolana, għandna aktar tagħrif. Hija ukoll kienet ġejja minn razza nobbli. Nafu li Ortolana, bħala mara avventuruża u libera, kienet marret pellegrinaġġ sal-Art Imqaddsa (1192), Sant’ Angelo u Ruma. Kienet ukoll ta’ spiss iżur il-foqra bil-qalb. Qabel ma twieldet Klara, leħen mis-salib qal lil Ortolana : “Int se twelled dawl li jdawwal ħafna fid-dinja”. Kienet hi, li tat l-isem ta’ Klara, lit-tarbija tagħha. Aktar tard hija, wisq probabbli bħala armla, segwiet lil uliedha fil-kunvent ta’ S. Damjan fejn għexet ħajja imżejna b’ għemejjel reliġjużi u qaddisa (ara ProcCan 1 {FSK 300-301}). Darba meta tfajjel minn Perugia kellu żlieġa tgħattilu għajnu kollha u ġabuh għand Klara. Klara qalitlhom biex jeħduh għand ommha. Imbgħad it-tfajjel fieq. Ortolana mietet żgur qabel l-1238. Mingħand ommha, Klara ħadet is-sens ta’ liberta personali, is-sens ta’ avventura, l-imħabba lejn il-foqra u fuq kollox il-ġibda lejn it-talb u d-devozzjoni.



**Oħtha Caterina (Anjeże)** Caterina kienet tlett snin (twieldet fl-1197) iżgħar minn Klara. Jidher li bejniethom kien hemm relazzjoni qawwija. Infatti sittax il-jum wara li Klara ħarbet minn darha, Caterina, issa Anjeże, kienet l-ewwel waħda li marret tgħex m’ oħtha f’ Sant’ Angelo di Panzo, fejn iddefendietha mill-qilla ta’ tnax ir-raġel ta’ zijuha Monaldo (ara LegCl 25-26 {FSK 626-627}) u wara S. Damjan. Hekk seħħet ix-xewqa ta’ Klara (ara LegCl 24 {FSK 625}) Fl-1229 Anjeże, fuq talba ta’ Franġisku, (li kien taha isem ġdid, kif ukoll qatalgħalha xagħarha), marret fil-monasteru tas-Sorijiet Foqra f’ Monticelli, qrib Firenze, biex bħala badessa tara li tiġi mħarsa l-osservanza tal-faqar.

Sakemm damet hemm, kien hemm koorispondenza bl-ittri bejniethom. Imma f' idejna waslet ittra waħda u din hija miktuba minn Anjeże {FSK 214-219}. Ma nafux eżattament meta rritornat Assisi. Xi storiċi jaħsbu li ġiet fl-istess sena li mietet Klara -1253. Klara sejjietilha 'l-verġni l-aktar għaqlija' (EpAgn IV 35 {FSK 46}). Żgur li kienet ħdejha waqt l-agunija (ara LegCl 43 {FSK 644}) u baqgħet hemm sakemm mietet, ftit qabel il-proċess tal-kanonizzazzjoni ta' Klara. Fil-fatt hija mhijiex parti mix-xhieda li nstemgħet. Il-fdalijiet tagħha jinsabu fil-Bażilika ta' S. Klara ġewwa Assisi. Il-Papa Benedittu XIV iddikjarha qaddisa fl-1752.

**Oħtha Beatrice** Beatrice kienet l-iżgħar fost il-bniet. Suor Beatrice de Messer Favarone de Assisi, fil-proċess tal-kanonizzazzjoni t' oħtha Klara, tkellmet it-tnax il-waħda. Hija daħlet fil-monasteru ta' S. Damjan fl-1229, fejn għaddiet madwar 24 sena tgħex magħha. (ara ProcCan 12 {FSK 457- 465}). Aktar minn hekk ma nafux.

Xi kittieba jgħidu wkoll li Klara kellha żewġ ħutha oħra : Bosone u Penenda jew Peranda, li imbgħad iżżewġet lil Konti Martinu ta' Coccorano. Imma dokumenti validi ma nstabux biex jiġi ppruvat dan.

---

# Tagħrif dwar S. Klara

Biex matul din is-Sena Klarjana stajt nagħti xi ftit tagħrif fuq din il-qaddisa, kelli nikkonsulta fost l -oħrajn, dawn il-kotba u mezzi oħra.

+ Klara t' Assisi, *Kitbiet u fonti medjevali*, Traduzzjoni M. I. BELLIZZI, N. MUSCAT, {. B. XUEREB u Introduzzjoni N. MUSCAT, Edizzjoni TAU, Patrijiet Franġiskani, Malta, 2006




+ MUSCAT N. u BELLIZZI M.I., *Klara t' Assisi u l-Ispiritwalita' tat-Tieni Ordni Franġsikan*, Edizzjoni TAU, Patrijiet Franġiskani, Malta, 1994.

+ SCHEMBRI G., *Klara t' Assisi, il-Mara l-Ġdida*, Edizzjoni TAU, Patrijiet Franġiskani, Malta, 1992.

+ MAGRO P., *Immagini di Chiara d' Assisi - Teologia e spiritualita,* Ed. Messagero, Padova, 2003

+ BARTOLI M., *Chiara d' Assisi,* Istituto Storico dei Cappuccini, Roma, 1989

+ ROTZETTER A., *Chiara d' Assisi. La prima francescana*, (TAU 2) Ed. Bib. Francescana, Milano, 1993.

+ HARDICK L., *La spiritualita' di S.Chiara,* Ed. Bib. Francescana, Milano, 1975.

+ P.M. DELLA PORTA, E. GENOVESI, E.LUNGHI, *Guide to Assisi History and Art*, Ed. Minerva, Assisi, 1992.

Sar ukoll użu minn bosta *websites* permezz ta' *Yahoo* u *Goggle*.

8.

# Fra Filippo Longo ( + 1259)



Hemm bosta opinjonijiet dwar fejn twieled Fra Filippo Longo. Xi whud jaħsbu li huwa minn Mandria, villaġġ viċin il-Muntanja Subasio u oħrajn mill-inħawi ta' Perugia. Oħrajn jgħidu minn Atri, belt fil-provinċja ta' Teramo, fl-Abruzzo jew minn Castel S. Savino (provinċja ta' Rieti), li fiż-żmien tal-Medjevu, kien viċin il-Muntanja Izzo, fl-inħawi tas-Santwarju franġiskan ta' Fontecolombo. Kien imlaqqam *Lungo*, peress li kien fih raġel u twil, filwaqt li Fra Morico kien imlaqqam 'il-qsajjar', peress li kien raġel qasir (L. Iacobilli, *Vite,* p. 321).

Skont il-fonti franġiskani kien is-seba' wieħed minn sħab Franġisku. Iċ-Celano jgħid li 'l-Mulej messlu u saffielu xofftejh bil-ġamar jaqbad biex ikun jista' jitkellem fuq Alla bi ħlewwa liema bħalha. Kien jifhem u jfisser l-Iskrittura Mqaddsa, għalkemm ma kienx tħarreġ fl-istudju, u kien jixbah lil dawk li l-kapitijiet tal-Lhud kienu jismerruhom bħala nies ta' bla skola u injuranti' (10, 25 {FSF 224} ; ara wkoll Fior 1 {FSF 1587}; LdL 1 {FSF 1420}).

Franġisku kellu stima kbira ta' Fra Filippo, tant li fil-proċess tal-kanonizzazzjoni ta' S. Klara insibu li Filippo kien ikun preżenti ma' Franġisku fil-laqgħat sigrieti li kien jkollu ma' Klara (qabel ma hi ddeċiediet li tissieħeb miegħu) u milli jidher kien jidħol fid-diskursata huwa wkoll (ara 17, 3 {FSK 497}). Meta mbgħad Klara telqet mill-monasteru ta' S. Paolo delle Abbadesse, qrib Bastia, għal dak ta' S. Angelo di Panzo, nerġgħu nsibuh magħhom (ara ProcCan 12, 5 {FSK 461}). Fra Filippo kellu stima kbira lejn il-Klarissi. Tant li Sora Cecilia qalet li daħlet Klarissa għax kienet imħajjra mis-Sinjura Klara u minn 'Fra Filippo ta' tifkira hienja' (ProCan 6,1 {FSK 396}).



Fra Filippo kellu l-kariżma tall-kontemplazzjoni u tal-interpretazzjoni tal-Bibbja, il-kapaċita li jkun miftuħ għal Alla u jifhem sew il-qalba tal-Bibbja. Kellu wkoll il-kariżma tal-predikazzjoni. Tant li kien jipprietka lill-Klarissi f' S. Damjan (ara LegCl 37 {FSK 638}). Darba minhom, waqt li kien qiegħed jipprietkalhom, tfajjel sabiħ ħafna (Ġesu') ta' xi 3 snin deher ħdejn Klara (ProcCan 10, 8 {FSK 448} , LegCl 37 {FSK 638}) Huwa mar ukoll f' Marca d' Ancona biex jkellem lil folla kbira ta' nies (ara Fior 45 {FSF 1631}).

Fl-1219 Fra Filippo, skont L. Iacobelli, ġie elett l-ewwel konfessur, Viżitatur Ġenerali u President tas-Sorijiet Foqra ta' S. Klara. Dak iż-żmien Franġisku kien qiegħed fl-Orjent. Fil-fatt milli jidher kien l-istess Kardinal Ugolino li tah dawn il-ħidmiet biex jwettaq u dan għamlu wisq probabbli biex jkun jista' aktar jikkontrola lil dawn is-sorijiet. Fil-fatt meta Franġisku reġa lura mill-Orjent talab lill-istess kardinal biex ineħħih u floku għażel li Fra Paċifico.

Wara l-mewt ta' Franġisku, Fra Filippo, bejn is-snin 1228 u l-1246, reġa sar Viżitatur tas-Sorijiet Foqra. L-aħbar dwar din il-ħatra saret magħrufa mill-Kardinal Rainaldo dei conti di segni fl-ittra ċirkulari li bgħat lil 24 monasteru tas-Sorijiet Foqra fit-18 t' Awwissu 1228. Huwa jiddesrievih bħala dak li jniżżel l-għeruq tiegħu fil-qiegħnett ta' qlubhom u reliġjuż li jibża minn Alla (ara {FSK 210}). Aktar tard, wara li ħalla dawn il-ħidmiet, huwa mar jgħex fl-eremitaġġ ta' Greccio, fejn għen lill-aħwa : Frate Leone, Angelo, u Rufino, biex jitkbu ħajjiet Franġisku - *La Leggenda dei Tre Compagni* (ara 1 ittra {FSF 53 }).




Imbgħad intbgħat Franza, fejn kif jgħidilna L. Iacobelli ' b' ħeġġa kbira kien jipprietka u baqa' magħruf għall-virtujiet tiegħu. Wara li wettaq bosta mirakli, miet Montferrand fir-reġjoni ta' Auvergne - Franza. Oħrajn jgħidu li miet Perugia u ġie midfun f' monasteru tal-Klarissi. Fil-fatt mhuwiex qiegħed hemm, imma fi Franza. Huwa miet nhar l-14 ta' Marzu 1259'. (*Vite*, I, p.322).

---

## Aktar ritratti dwar iż-żjara tal-Arċisqof P. Cremona O.P. fil-Honduras



**P. Albert Gauci, Mons. J. Bonello u l-Arċisqof Mons. P. Cremona mat-tfal ta' Jutilcalpa**

**Ħdejn il-qabar ta' P. Diegu Vella O.F.M. (1930-1973)**



*Mill-gazzetti*

# It-tbaħħir nhar Sibt il-Glorja

( Dan l-artiklu ta' Mons. Philip Calleja deher fil-ħarġa tal- *Leħen is-Sewwa* tat-12 ta' Mejju 2012 p. 16. Se nġiebu biss dawk is-siltiet li jolqtu lill-ħajja tal-Provinċja tagħna.)

Nhar it-Tnejn, 23 ta' April, miet fid-Dar tal-Kleru Patri Arthur Azzopardi O.F.M. li twieled fid-19.2.1923 u qaddes ħames snin qabli, fit-13. 3.48.

Meta kont tifel, jien kont wieħed mill-ħafna abbatini fil-knisja ta' Ġiezu ( ndr. S. Marija ta' Gesu') hi u lil Patri Arthur niftakru novizz u student. U għalhekk meta xi tmien snin ilu, Patri Arthur inġabar fid-Dar tal-Kleru u ltajna bdejn nifirħu b' xulxin, infakkru l-ismijiet tal-patrijiet antiki, għad-hom studenti l-Belt bil-vuċijiet sbieħ tagħhom bħal Patri Tarċis, Patri Benvenut, l-aħwa Vella, Patri Frendo u ċ-ċajt tagħhom. Qajjimna l-imgħoddi kollu. Patri Leonard li kien jagħmel id-duwa, Patri Dorik tal-almanakk u Patri Dovik tal-pipa.

Barra għad-devozzjoni lejn il-Kurċifiss mirakuluż u l-Beatu Nazju Falzon li hu midfun hemm, il-knisja Ta' Ġiezu ( ndr. S. Marija ta' Gesu') hi famuża wkoll għall-purċissjoni tad-Duluri u tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira. U ntfajna nitkellmu fuq il-purċissjonijiet li kienu joħorġu b' vara tal-Ġimgħa l-Kbira kull nhar ta' Ġimgħa fi żmien ir-Randan. Rakkonti li ħafna min-nies tal-lum ma jafux bihom. ……

**Vara fil-Ġimgħa**

Kull nhar ta' Ġimgħa kienet issir purċissjoni b' waħda mill-vari : l-ewwel ġimgħa b' Ġesu' jitlob fl -ort tal-Ġetsemani, it-tieni ġimgħa bl-istatwa tal-Marbut, imbagħad bl-*Ecce Homo*, wara bl-istatwi tal-Imgħobbi u l-Veronika, imbagħad il-Vara l-Kbira bi Kristu msallab imdawwar b' Ommu, San Ġwann u l-Madalena u fl-aħħar fil-Ġimgħa l-Kbira joħorġu l-vari kollha, waħda wara l-oħra, b' żieda ta' Kristu mejjet imqiegħed f' Monument sabiħ tal-lama. …………………….

Aktar tard tibda ħierġa l-purċissjoni bil-vari bl-ikbar devozzjoni. Ebda idea ta' *pageantary* fil-purċissjoni. ………………

Nieqaf hawn. Id-diskursata bejn u bejn Fr Arthur qajmet il-mejtin…. imma ma rxoxta ħadd.


**Pellegrinaġġ magħna l-Franġiskani fl-Art Imqaddsa**

**2 –10 ta' Settembru 2012**

**Tagħrif :**
**hhtp://www.i-tau.org/comalt**
**Tel. 21 24 22 54**






# *Il Cammino di Francesco*

Forsi ħafna minna semmgħu bil-*Cammino di Santiago de Campostella*, fejn l-eremita Pelayo, ra fil-post fejn illum hemm is-santwarju, fis-sena 803, xita ta' stitel jaqgħu fuq għolja. Lejl minhom deherlu l-Appostlu S. Gakbu, li wrieh il-post fejn kien jinsab midfun. Aktar tard bdew il-famużi pellegrinaġġi lejn Santiago de Campostela (*di campus stellae*). Fl-2010 marru mal-272.135 pellegrin. L-UNESCO kien iddikjara dan il-pellegrinaġġ bħala patrimonju tal-umanita'. Hemm bosta toroq minn fejn wieħed jagħżel biex jagħmel dan il-pelegrinaġġ.

Iżda ftit huma l-Maltin li jafu li jeżisti il-*Cammino di Francesco*. Dan il-*cammino* jgħaqqad is-santwarji franġiskani kollha li jinsabu fil-Valle Santa ta' Rieti - xi 80 km. Barra li wieħed ikun jista' jżur dawn is-santwarji, jista' jitgħaxxaq bis-sbuħija tan-natura u fuq kollox ikun jista' jduq xi ftit mill-esperjenza tant qawwija tal-ispiritwalita' ta' Franġisku.

Ġeneralment wieħed jista' jibda mill-belt ta' Rieti (Lazio) u wara jibda jżur dawn is-santwarji :
is-**Santwarju ta' Fonte Colombo** (is-Sinai franġiskan) fejn fl-1223 irċieva r-regola tal-patrijiet tiegħu mingħand Kristu u fejn għamel operazzjoni f'għajnejh ;
ta' **Greccio**, fejn għamel l-ewwel rapprezentazzjoni tal-presepju fil-lejl tal-Milied tal-1223;
ta' **Poggio Bustone**, fejn beda jsellem lin-nies bil-kliem '*Buongiorno buona gente'* u fejn inħafrulu dnubietu ;
ta' **La Foresta**, fejn Franġisku mar għal kwiet u fejn sar il-miraklu tal-għeneb.




Imbgħad ikompli sal-post fejn hemm siġra kbira ħafna tal-fagu ta' Rivodutri (fejn jingħad li ħadet il-forma li għandha issa biex Franġisku jkun jista' jisken waqt maltempata qawwija), ir-raħal ta' Posta u l-Muntanja Termillo (fl-għoli ta' 1623m), fejn hemm il-*Tempio Votivo Nazionale di S. Francesco*.

Tkun ħaġa isbaħ li wieħed jibda wkoll mill-kunvent tal-*Eremo dei Carceri* (Assisi) u jispiċċa fil-knisja ta' *S. Francesco a Ripa* ġewwa Ruma. Hemm oħrajn ukoll li jibdewha mill-Muntanja La Verna (Toscana). Biex din il-mixja tieħu l-uffċċjalita tagħha, fl-ewwel santwarju li huwa jżur, jingħata librett, bħal passaport, li jiġi ttimbrat f' kull santwarju li jżur. B'hekk fl-aħħar jingħata diploma u jiġi ddikjarat '*Pellegrini di Francesco'*.



Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar persuni, minn kull naħa tad-dinja, qed jagħmlu din l-esperjenza. Tara ħafna minhom mexjin b' xi *haversack* wara darhom, fosthom tant żagħżagħ, u li zgur l-esperjenza li jagħmlu ma jinsew qatt. Għal aktar tagħrif wieħed jista' jżur il-*website*: **http://www.camminodifrancesco.it** (fejn tinsab informazzjoni tajba ħafna) jew jikteb lis-sede tal-APT ta' Rieti - v. Cintia, 87, e-mail aptrieti@apt.rieti.it) li hija l-promotriċi ta' din il-mixja.

## MULTOS ANNOS 1987 – 2012

**P. Christopher Farrugia O.F. M.**



Twelid : 17 ta' Novembru 1959 - Tas-Sliema
Vestizzjoni : 6 t' Ottubru 1979
Professjoni Temporanja : 5 t' Ottubru 1980
Professjoni Solenni : 8 ta' Diċembru 1985
Ordinazzjoni Saċerdotali : 10 ta' Lulju 1987
Ħidmiet : Direttur Spiritwali tal-Klarissi f' Għawdex u ħidmiet pastorali oħra

## Nitolbu għalih u nawgurawlu kull ġid u barka

---



# P. Walter Vassallo O.F.M. ġie ordnat presbiteru

Nhar il-Ġimgħa 29 ta' Ġunju, solennita ta' S. Pietru u S. Pawl, ħuna P. Walter Vassallo, flimkien ma' 8 djakni - 7 djoċesani u giżwita - ġie ordnat presbiteru mill-Arċisqof ta' Malta, Mons. P. Cremona O.P. fil-Kon-Katidral ta' S. Ġwann fil-Belt Valletta. Fost il-konċelebranti kien hemm il-Provinċjal u numru sew ta' patrijiet. Kien hemm ukoll il-ġenituri, ħutu u qraba oħra. P. Walter għamel in-Novizzjat tiegħu fis-Santwarju ta' S. Damjan, Assisi. Wara kompla l-istudji tiegħu fl-Universita ta' Malta, filwaqt li ta servizz fil-fraternita tar-Rabat. Nhar is-6 ta' Lulju huwa se jiċċelebra quddiesa ta' ringrazzjament fil-knisja parrokkjali ta' S. Marija (il-Qadima) ġewwa B'Kara. Minn din il-paġna nawgurawlu MULTOS ANNOS u nitolbu għalih, speċjalment issa li se jmur Ruma fejn se jispeċjalizza fl-istudji tal-liġi tal-Knisja. Inkomplu nitolbu biex aktar żagħażgħ jwieġbu għas-sejħa saċerdotali u franġiskana. Issa jridu jgħaddu tant snin biex ikollna saċerdot franġiskan ġdid fil-Provinċja tagħna !!!!!!!!



# AĦBARIJIET TAL-PROVINĊJA TAGĦNA

Fit-18 ta' Mejju l-fraternita tal-Belt, flimkien mal-Provinċjal, kienu mistiedna għall-ikla l-Palazz ta' Sant'Anton mill-President tar-Repubblika.

Fl-aħħar jiem ta' Mejju nbeda x-xogħol fuq il-bankina ta' wara l-knisja tagħna ta' Tas-Sliema mill-ħaddiema tal-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Dan hu parti mill-proġett li jrid isir biex tissewwa l-ħsara li hemm fil-ħajt u l-kolonni tan-naħa ta' wara tal-knisja. Għal dan il-għan il-parruċċani diġa bdew joffru l-għotijiet tagħhom.

Fit-28 ta' Mejju l-Provinċjal bgħat ittra lill-aħwa kollha dwar is-sitwazzjoni fil-missjoni tal-Libja. Kemm in-Nunzju Appostoliku kif ukoll iż-żewġ Vigarji Apostoliċi qed jistiednu lil xi ħadd mill-aħwa biex imur jwettaq appostolat f' dak il-pajjiż. Dan ġara peress li Dun Danjel Farrugia se jmur jaħdem fil-Vatikan u P. Tadeusz Kierbiedz S.D.B., se jmur lura pajjiżu, wara li kien ilu jaħdem f' Derna għal aktar minn 30 sena.

Fit-3 ta'Ġunju ġiet ċċelebrata l-festa esterna ta' S. Antnin ta' Padova fil-knisja tagħna ta' Għawdex. It-tridu għamlu P. Anton Farrugia. Il-Provinċjal qaddes il-quddiesa kantata u mexxa l-purċissjoni. Xi whud mill-aħwa tellgħu Għawdex biex jgħenu lill-komunita t' hemmhekk. L-attendenza tan-nies kienet tajba ħafna. Prosit lill-Gwardjan u l-komunita t' Għawdex. Imbagħad l-isqof t' Għawdex, Mons. M. Grech, mexxa konċelebrazzjoni nhar it-13 tax-xahar, fil-festa liturġika tal-qaddis ta' Padova.

Dak in-nhar stess 13 it-tifel u tifla għamlu l-Ewwel Tqarbina ġewwa l-parroċċa tagħna ta' Tas-Sliema.

Fra Aaron Abdilla ha l-baċċelerat fil-filosofija. Filwaqt li nwegħduh it-talb tagħna, nifirħulu.

Fil-laqgħa tad-Definitorju, li saret fil-kunvent tagħna ta' Tas-Sliema nhar il-11 ta' Ġunju, barra li, l-Provinċjal laqa' t-talba ta' P. Marcello Ghirlando (ara p. 1), ġew ukoll mħabbra dawn l-attivitajiet :
29 ta' Ġunju – Ordinazzjoni Presbiterali ta' Fra Walter Vassallo,
6 ta' Lulju - Quddiesa ta'ringrazzjament ta' Fra Walter Vassallo,
31 ta' Lulju - Tifkira tat-800 sena mill-konsagrazzjoni lil Alla ta' S. Klara t' Assisi, fil-knisja tagħna ta' Baħar iċ-Ċagħaq,
4 ta' Settembru - Fra Gerald Xuereb se jagħmel l-ewwel wegħdiet fil-Knisja tagħna tal-Ħamrun,
6 ta' Settembru - Fra Aaron, Andrea, Clive u Ramon se jġeddu l-wegħdiet tagħhom fil-knisja tagħna tar-Rabat,
4 t' Ottubru - Konċelebrazzjoni Solenni, mill-aħwa kollha tal-Provinċja, fil-Knisja tagħna tal-Belt Valletta. Dħul ta' postulant. Aktar dettalji jitħabbru 'l quddiem.

++++++++++++++++++++++++++++

**FESTI** — **AWWISSU 2012** — **BIRTHDAYS**

**FESTI**

02. P. Jimmy Zammit
24. P. Bartholomew Gauci
31. P. Ray Scicluna
    P. Raymond Falzon

**BIRTHDAYS**

04. P. Tonin Vella
11. P. Jimmy Zammit
13. P. Eddie Pace
14. P. Edward Zammit
24. P. Albert Micallef
31. Fra Andrea Diacono

**SETTEMBRU 2012**

**FESTI**

08. P. Adrian J. Cachia
    P. Victor Camilleri
29. P. Gabriel Micallef

**BIRTHDAYS**

13. P. Stephen Magro
16. P. Benjamin Galea

***Xewqat qaddisa !!!!!!!!!!***




# Festa ta' S. Klara
## 11 t' Awwissu 2012

## 6.30 pm
## Monasterju tal-Klarissi
## Quddiesa Konċelebrata

**WERREJ**


| | |
|---|---|
| Is-sinjali simboliċi ta' S. Klara | 2 - 3 |
| Il-familja ta' S. Klara | 4 - 5 |
| Fra Filippo Longo | 6 - 7 |
| It-tbaħħir nhar Sibt il-Glorja | 8 |
| *Il cammino di Francesco* | 9 |
| Multos Annos / Ord. Saċerdotali | 10 |
| Aħbarijiet tal-Provinċja tagħna | 11 |



# OFM - LINK

L-Editur
P. Alexander Borg O.F.M.
Patrijiet Franġiskani
Triq Dun Pawl Vella
Tas-Sliema SLM 3200
Tel. 21 33 11 83
E-mail : fraalex@maltanet.nt

Għall-aħħar aggornamenti
http://ofm.org.mt
Grazzi lil P. Joseph Magro O.F.M